MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**LINO FARRUGIA SACCO**

Seduta ta' l-14 ta' Dicembru, 2004

Citazzjoni Numru. 866/2001/1

HSBC Bank Malta p.l.c.
vs
L-Avukat Dr. Ivan Gatt u l-P.L. Mario Mifsud Bonnici kuraturi deputati nominati b'digriet ta' l-4 ta' Marzu 1992 sabiex jirraprezentaw il-wirt battal ta' Joseph Mizzi li miet fl-24 ta' Dicembru 1992 u Raphaela Mizzi

Il-Qorti;

**A. RIKORS:**
Rat ir-rikors tal-bank attur li biha ppremetta illi:

1. Illi b'sentenza tal-Qorti tal-Kummerc tat-2 ta' Mejju 1989 fl-ismijiet Av. Dr. Henry sive Eric Mamo ghan-nom u in rapprezentanza tal-Mid-Med Bank Limited vs Joseph Mizzi (Citazz. nru 716/88MB) Joseph Mizzi gie kundannat ihallas lill-bank is-somma ta' LM75,034 oltre l-imghaxijiet legali mit-22 ta' Marzu 1988 u l-ispejjez kif mitluba (Dok A).

2. Illi b'sentenza tal-Qorti tal-Kummerc fl-ismijiet "P.L. Adrian Borg nomine vs Av. Dr. Ivan Gatt et nomine" tal-24 ta' Marzu 1994 (Citazz. Nru. 1643/93F) u b'sentenza tal-Prim'Awla tal-Qorti Civili ta' l-10 ta' Ottubru 2000 fl-ismijiet "HSBC Bank Malta p.l.c. gja Mid-Med Bank p.l.c. gja Mid-Med Bank Limited" (Rikors numru 1360/00JRM) il-bank gie awtorizzat jezegwixxi s-sentenza tat-2 ta' Mejju 1989 (Dok B u Dok C).

3. Illi bis-sentenza tat-2 ta' Mejju 1989 (Dok A) il-bank kien ottjena titolu ezekuttiv kontra l-komunjoni tal-akkwisti ezistenti bejn Joseph Mizzi u martu l-intimata Raphaela Mizzi dak iz-zmien rapprezentata minn Joseph Mizzi, izda bi zvista fil-proceduri Citazz. Nru. 1643/93F u Rikors nru. 1360/00JRM l-intimata Raphaela Mizzi ma kenitx parti.

4. Illi l-immobbli indikati fir-rapporti tal-Perit David Pace tat-13 ta' Marzu 1991 u 7 ta' Ottubru 1991 kienu jappartjenu l-komunjoni tal-akkwisti ezistenti bejn il-mejjet Joseph Mizzi u l-intimata Raphaela Mizzi (Dok D, Dok E u Dok F).

Ghaldaqstant ir-rikorrent talab lill-Qorti tawtorizza l-ezekuzzjoni tal-imsemmija sentenza tat-2 ta' Mejju 1989 kontra l-wirt battal tal-mejjet Joseph Mizzi u kontra Raphaela Mizzi b'dan illi in sodisfazzjon parzjali tal-kreditu kanonizzat din il-Qorti tordna l-bejgh bis-subbasta tal-immobbli deskritti fir-rapporti tal-Perit David Pace fuq imsemmija.

**B. RISPOSTA:**

Rat ir-risposta ta' Raphaela Mizzi li eccepiet:

1. Illi fl-ewwel lok gie sollevat li l-intimata fl-1988 kienet ipprezentat kawza quddiem il-Prim'Awla kontra zewgha Joseph Mizzi (Citazz. Nru. 1167/88FD) fejn hija kienet talbet li jigi dikjarat u deciz is-separazzjoni tal-beni bejn il-konjugi, mhux biss izda ai termini ta' dak li kien l-artikolu 1330 tal-Kodici Civili talbet illi l-kawza taghha tigi pubblikata fil-Gazzetta tal-Gvern sabiex kull min kellu xi pretensjoni kontra l-komunjoni seta' jintervjeni fl-atti. Din it-talba giet milqugha u l-imsemmija socjeta` rikorrenti ma

dahlitx fl-atti tal-kawza li kienet ghada pendenti sad-data tar-risposta.

2. Illi fit-tieni lok is-sentenzi ottenuti fl-24 ta' Marzu 1994 u l-10 ta' Ottubru 2000 mir-rikorrenti huma t-tnejn nulli u minghajr effett legali u dan stante l-fatt li l-intimata qatt ma kienet parti. Dan inghad ghax mal-mewt ta' zewgha hija giet f'sehem indiviz ta' nofs il-proprjeta` u kellha tigi citata fl-atti specjalment in vista tal-fatt li hadd mill-ulied ma accetta l-wirt ta' missierhom u anzi kien hemm rinunzja (Digriet 350/93 Sekond' Awla).

3. Illi fit-tielet lok mill-1992 kellhom jitharrku l-werrieta attwali tal-mejjet Joseph Mizzi li ghalkemm uliedu irrinunzjaw ghal wirt hemm diversi persuni li jigu minnu li wirtuh. Ghalhekk qabel xejn kellhom jidhlu fl-atti tal-kawza ai termini tal-ligi.

4. Illi fir-raba' lok l-intimata ssottomettiet li qabel kellu jkun hemm il-bejgh in subbasta ta' dak indikat mir-rikorrenti flimkien ma' immobbli ohra mhux indikati ghandu jkun hemm id-divizjoni tal-komunjoni.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Semghet l-abili difensuri.

Ikkunsidrat

**C. PROVI:**
Ir-rikors gie prezentat fis-17 ta' Mejju 2001. Provi mill-partijiet ma saru xejn hlief li gew prezentati dokumenti mar-rikors u risposta, u dokument iehor li gie prezentat fid-19 ta' April, 2002. Wara hdax-il seduta l-kawza giet differita ghal quddiem l-Imhallef sedenti u saret l-ewwel seduta fil-25 ta' Marzu, 2004.

**D. KUNSIDERAZZJONIJIET:**
Fit-2 ta' Mejju 1989 inghatat sentenza mill-Qorti tal-Kummerc fl-ismijiet Av. Dr. Henry sive Eric Mamo ghan-nom u in rapprezentanza tal-Mid-Med Bank Limited vs Joseph Mizzi (Citazz. Nru. 716/88MB) u Joseph Mizzi gie

kundannat ihallas lill-bank is-somma ta' LM75,034 oltre l-imghaxijiet legali mit-22 ta' Marzu 1988 u l-ispejjez kif mitluba (Dok A). Fl-imsemmija kawza l-konvenut kien baqa' kontumaci u l-Qorti laqghet it-talba kif ridotta.

Jinghad li qabel ma inghatat din is-sentenza l-intimata fit-23 ta' Dicembru, 1988 ipprezentat kawza quddiem il-Prim'Awla kontra zewgha Joseph Mizzi (Citazz. Nru. 1167/88FD) fejn hija talbet li jigi dikjarat u deciza s-separazzjoni tal-beni bejn il-konjugi. Fit-13 ta' Novembru, 1989 [u ghalhekk wara li nghatat is-sentenza fuq imsemmija], Raphaela Mizzi talbet illi l-kawza taghha tigi pubblikata fil-Gazzetta tal-Gvern sabiex kull min kellu xi pretensjoni kontra l-komunjoni seta' jintervjeni fl-atti u dana ai termini tal-Kodici Civili [ta' dak iz-zmien]. Din it-talba giet milqugha, u giet pubblikata fil-Gazzetta tal-Gvern fl-10 ta' Mejju, 1991. Irrizulta li s-socjeta` rikorrenti ma dahlitx fl-atti tal-kawza li ghadha sal-lum pendenti.

Dan iwassal ghall-konkluzjoni li meta nghatat is-sentenza tat-2 ta' Mejju, 1989 din kienet valida u kienet taghmel stat kontra Raphaela Mizzi.

In segwitu u cioe` fl-24 ta' Marzu 1994 b'sentenza tal-Qorti tal-Kummerc fl-ismijiet "P.L. Adrian Borg nomine vs Av. Dr. Ivan Gatt et nomine" (Citazz. Nru. 1643/93F) il-bank gie awtorizzat jezegwixxi s-sentenza tat-2 ta' Mejju 1989. Il-konvenuti fl-imsemmija kawza kienu Dr. Ivan Gatt u l-P.L. Mario Mifsud Bonnici kuraturi deputati biex jirrapresentaw il-wirt battal ta' Joseph Mizzi li miet fl-24 ta' Dicembru 1991. Hu ovvju ghalhekk li f'dawk il-proceduri Raphaela Mizzi ma kella x'taqsam xejn u zgur li din ma setghetx ikollha effett fuq is-sehem indiviz ta' Raphaela Mizzi mill-komunjoni. Infatti l-werrieta ta' Joseph Mizzi irrinunzjaw ghall-wirt izda dan ma jaffettwax is-sehem ta' Raphaela Mizzi mill-komunjoni. It-talba saret fuq il-bazi tal-artikoli 258 u 259 tal-Kap 12. Bl-istess mod kollox hu applikabbli riferibbilment ghas-sentenza moghtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili fl-10 ta' Ottubru 2000 fl-ismijiet "HSBC Bank Malta p.l.c. gja Mid-Med Bank p.l.c. (Rikors numru 1360/00JRM).

Illi l-immobbli indikati fir-rapporti tal-Perit David Pace tat-13 ta' Marzu 1991 u 7 ta' Ottubru 1991 kienu jappartjenu l-komunjoni tal-akkwisti ezistenti bejn il-mejjet Joseph Mizzi u l-intimata Raphaela Mizzi.

Fil-proceduri odjerni r-rikorrent qieghed jitlob lill-Qorti tawtorizza l-ezekuzzjoni tal-imsemmija sentenza tat-2 ta' Mejju 1989 kontra l-wirt battal tal-mejjet Joseph Mizzi u kontra Raphaela Mizzi b'dan illi in sodisfazzjon parzjali tal-kreditu kanonizzat din l-Onorabbli Qorti tordna l-bejgh bis-subbasta tal-immobbli deskritti fir-rapporti tal-Perit David Pace.

L-intimata Raphaela Mizzi ssostni li s-sentenzi ottenuti fl-24 ta' Marzu 1994 u l-10 ta' Ottubru 2000 mir-rikorrenti huma t-tnejn nulli u minghajr effett legali u dan stante l-fatt li l-intimata qatt ma kienet parti, u dan ghax mal-mewt ta' zewgha hija giet f'sehem indiviz ta' nofs il-proprjeta` u kellha tigi citata fl-atti specjalment in vista tal-fatt li hadd mill-ulied ma accetta l-wirt ta' missierhom u anzi kien hemm rinunzja (Digriet 350/93 Sekond' Awla). Fuq dan l-aspett il-Qorti taqbel ma' din l-eccezzjoni kif spjegat fuq.

Il-konvenuta eccipiet ukoll li mill-1992 kellhom jitharrku l-werrieta attwali tal-mejjet Joseph Mizzi li ghalkemm uliedu irrinunzjaw ghall-wirt hemm diversi persuni li jigu minnu li wirtuh. Izda provi dwar dan ma sar xejn.

**E. KONKLUZJONIET:**

Illi ghalhekk kien hemm sentenza tat-2 ta' Mejju, 1989. Din kienet inghatat b'mod validu u hija titolu esekuttiv a tenur tal-artikolu 253 (a) tal-Kap 12. Izda skond l-artikolu 258 tal-Kap 12:

**258.** Wara l-gheluq ta' hames snin minn dak in-nhar li fih skond il-ligi it-titolu esekuttiv imsemmi fl-artikolu 253 seta' gie esegwit, l-esekuzzjoni tista' ssir biss wara talba maghmula b'rikors quddiem il-qorti kompetenti. Ir-rikorrent ghandu wkoll jikkonferma bil-gurament ix-xorta tad-dejn jew tat-talba li jkun qed ifittex l-esekuzzjoni taghha, u li d-dejn jew parti minnu jkun ghadu dovut.

Ghalkemm kien hemm tentattiv tas-socjeta` attrici li taghmel dan, is-sentenzi tal-24 ta’ Marzu, 1994 u tal-10 ta’ Ottubru 2000 huma bla effett fuq propjeta` li kienet tappartjeni lill-komunjoni tal-akkwisti u dan minhabba li Raphaela Mizzi ma kenitx imdahhla fil-kawzi [meta kellha sehem ta’ nofs indiviz]. Ghat-tmexxija tal-esekuzzjoni ta’ dan it-titolu esekuttiv ghaddew aktar minn hames snin, u ghalhekk issa jinkombi fuq is-socjeta` attrici li l-ewwel nett dan it-titolu jigi rez ezekuttiv, haga li ma huwiex stante kif saru l-proceduri fejn Raphaela Mizzi ma kenitx inkluza.

Salv dejjem ukoll fuq xi drittijiet li jistghu ikunu applikabbli taht l-artikolu 1378 tal-Kodici Civili li kien jezisti meta Raphaela Mizzi intavolat ic-citazzjoni 1167/88 u pprezentat ir-rikors tat-22 ta’ Novembru, 1989 u degretat fis-7 ta’ Marzu 1991 u pubblikat fl-10 ta’ Mejju, 1991 dejjem taht dak li kien jipprovdi dak l-artikolu.

Ghal dawn il-motivi tilqa’ t-tieni eccezzjoni ta’ l-intimata Raphaela Mizzi.

Spejjez kontra s-socjeta` attrici.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------